**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Dicembru 2022**

**<u>Rikors nru : 170/2020 AGV fl-ismijiet :</u>**

**O R M**

**VS**

**O F E**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors ta' RMO ;**

**Tesponi bir-rispett:**

1. **Illi** l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Mejju tas-sena 1994 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz zwieg hawn anness u immarkat bhala Dok A.

2. Illi minn dan iz-zwieg twiekled tifel bl-isem ta' SEO nhar is-sbatax (170 ta' Jannar tas-sena 1997 u li l-illum ghandu hamsa u ghoxrin (25) sena.

3. Illi l-partijiet huma mifruda de facto, u dan ghaliex l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta din il-kawza.

4. Illi l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, li sejra tigi likwidata fis-sentenza definittiva ta' l-Onorabbli Qorti, illum spiccat ghal kollox hija x-xewqa tal-istanti li dan l-istat ta' fatt jigi sancit legalment permezz ta' sentenza ta dil-qorti.

5. Illi ghadnu jkun inkontestat li ebda parti ma tista tbati l-pregudizzju kontemplat fl-artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta, jekk kemm il-darba l-komunjoni tal-akkwisti titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta din l-Onorabbli Qorti. Dan anke in vista tal-interpretazzjoni moghtija fil-gurisprudenza konstanti ta' dil-Qorti tal-Appell.

Ghaldaqstant l-espontenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti ai terminni tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

   1. Okorrendo tappunta dan ir-rikors sabiex jinstema' flimkien mal-procediment principali.

2. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi O.

3. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi O O spiccuta mill-jum li l-eventwali sentenza ta' dil-qorti, in materia tkun finali u konklussiva.

4. Tordna li bejn li jibghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqassamu mas-sentenza finali ta' dil-Onarabbli Qorti.

5. Tordna nnotifika tal-eventawali sentenza taghha lid-Direttur Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta ta' FEO  ghar-rikors ta' l-attrici datat 17 ta' Ottubru 2022.

**Jesponi bir-rispett:**

Illi l-espontenti ma ghandux oggezzjoni li r-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti attwalment vigenti bejn il-partijiet jigi mwaqqaf, u huwa jirrimetti ruhhu ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Tant ghandu unur jissotometti l-esponenti a svju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' it-talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**